MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-18 ta' Awwissu, 2005

Appell Kriminali Numru. 173/2005

**Il-Pulizija**
**(Supt. N. Harrison)**
**Vs**

**Anthony Rapa**

**Il-Qorti;**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'Malta fit-23 ta' Mejju, 1999 u matul l-ahhar gimghat qabel dina d-data xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat li l-valur taghhom huwa ta' aktar minn LM100 izda anqas minn LM1,000.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Mejju, 2005, fejn ma

sabitx htija u ghaldaqstant illiberat lill-imputat minn kull htija w piena.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fid-9 ta' Gunju, 2005 li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka din is-sentenza w minflok issib lil Anthony Rapa hati tal-akkuza migjuba kontrih u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament kompletament irragonevoli tal-provi liema apprezzament wassalha biex taghti l-beneficcju tad-dubju lill-appellat. Fil-kaz in dizamina, d-dolo specifiku (sic!) ta' dan ir-reat ta' ricettazzjoni jista' jigi dezunt mic-cirkostanzi w f' dan il-kaz il-prezz li hallas li kien wiehed ferm baxx ta' LM70 meta jigi paragunat mall-prezz reali tal-oggett li kien ta' circa LM600, kellu minnu nnifsu jindika l-provenjenza llecita tal-camera in kwistjoni. Terga w tghid l-Ewwel Qorti njorat fatturi ohrajn bhal ma hu l-fatt illi l-persuna Gharbija li kienet qed tbiegh l-oggett kienet persuna barranija w ma kienetx persuna li solitament tinnegozja f' dawn l-oggetti . Kien hemm ukoll il-fattur indikattiv li mill-camera kienu neqsin il-batterija w l-*compact flash card* . Dawn il-fatturi kollha kellhom u ghandhom iwasslu ghall-konkluzzjoni univoka illi l-appellat, li huwa prezunt bhala persuna t' intelligenza ordinarja, kellu ragonevolment jinduna li l-oggett in kwistjoni ma kellux provenjenza lecita.**

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat, esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w li giet ezaminata mid-difiza;

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dan l-appell jirrigwarda principalment l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor , din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." **[12.5.94] ;** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi " **[14.2.1989];** "Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**" [31.5.1991] ;** "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" **[31.5.1991] u ohrajn .)**

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti dan il-kriterju ghandu japplika ukoll f' kaz ta' appelli mill-Avukat Generali li jkunu bazati fuq apprezzament tal-provi, kif issa jista' jsir bl-emendi recenti f' kazijiet li jaqghu taht l-artikolu 413 ( c ) tal-Kodici Kriminali u dan ghaliex, kif gie ritenut fl-Appelli Kriminali "**Il-Pulizija vs. Silvio Buttigieg"** [6.5.2002] u "**Il-Pulizija vs. Andrew Ellul Sullivan et"** [21.3.2003] :-

*"….din il-Qorti ttenni li dak li japplika fil-kaz ta' appelli ntavolati minn akkuzati li*
*jkunu misjuba hatja mill-Ewwel Qorti , ghandu japplika wgwalment ghall-appelli*
*ntavolati mill-Avukat Generali , fis-sens li din il-Qorti m'ghandhiex tiddisturba d-*
*decizjoni tal-Ewwel Qorti dwar apprezzament tal-provi mismugha minnha w trask-*

*ritti , sakemm tali konkluzzjoni ma tkunx tidher “unsafe and unsatisfactory” . Fi*
*kliem iehor , jekk l-Ewwel Qorti tkun setghet ugwalment tasal ghal dik il-konkluz-*
*zjoni li twassal ghall-liberazzjoni fuq il-provi li jkunu ngabu quddiemha , din il-*
*Qorti , anki jekk forsi ma taqbilx ma tali konkluzzjoni, m’ghandhiex tirrevoka dik*
*id-decizjoni tal-Qorti tal-ewwel grad. Dan hu kriterju li din il-Qorti qed issegwi fil-*
*kaz ta’ appelli mill-persuna dikjarata hatja w hu ekwu w gust li dal-principju jap-*
*plika fil-kaz ta’ appelli tal-Prosekuzzjoni wkoll.”*

**Illi din il-Qorti ghalhekk regghet ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha meta ma sabitx lill-appellat hati tal-akkuza ta’ ricettazzjoni.**

**Illi l-provi kontra l-appellat huma dawn :- Fis-7 ta’ Mejju, 1999, saret serqa minn tlitt Gharab li fil-waqt li aljenaw lil Joseph Pavia, sid tal-hanut A & J. Pavia, go Triq l-Ordinanza, Valletta, serqu camera tar-ritratti digitali tat-tip Olympus, mudell C1400XL , serial number 016284, li kienet tiswa’ xi hames mija u sittin lira Maltin (LM560) wholesale u cioe’ 30% inqas minn LM700 li kien il-prezz taghha retail. (fols 53 sa 56). Din giet rapputrata nieqsa lill Pulizija fl-ghassa tal-Belt fl-10 ta’ Mejju, 1999 (ara fols.20-21 u Dok.NA) . Fil-kors ta’ tfittxija ghad-droga li saret fit-23 ta’ Mejju, 1999, fir-residenza tal-appellat, 7, Triq il-Ghabex, San Pawl il-Bahar, minn PC 1086 Johan Micallef u WPS 45 Marisa Bartolo w PS 1044 Gordon Calleja, giet elevata l-imsemmija camera ghax giehom suspett li kienet misruqa, (fols. 28 sa 32) kif fil-fatt, minn indagni ulterjuri, kondotta mill-Ispettur Neil Harrison, irrizulta li kienet (Fols.9 sa 11).**

**L-Ispettur Harrison kien allura nterroga lill-appellat li rrilaxxja l-istqarrija tieghu Dok. (NH1) fl-20 ta’ Gunju,1999. F’ din l-istqarrija l-appellat qal li kien**

**xtara din il-camera ghall-prezz ta' LM70 xi gimghatejn qabel instabet ghandu, minnghand Libjan li ma jafx x' jismu, imma li jafu ghax ikun il-Footloose, Paceville, fejn l-appellat jahdem bhala *bouncer.* Jaf li ghandu *identity card* Maltija w mizzewweg Maltija. Joqghod Bugibba w ghandu karozza Mitsubishi *metallic* griza, bi pjanci tar-registrazzjoni Libjani. Kien tah LM10 ghall-ewwel u qallu li ser ihallsu l quddiem. Dan kien qallu li kien gab il-camera minn barra mieghu. Xi jumejn wara li kien gie arrestat , habib ta' dal-Libjan li ukoll hu mizzewweg ma Maltija kien cempillu w huma ltaqghu fil-pjazza ta' Bugibba w tah is-LM60. Dan l-iehor jiffirma l-ghassa ta' Bugibba pero' ma jafx x' kaz ghandu l-Qorti. Jaf li hu *bodybuilder* pero' ma jafx fejn joqghod jew in-numru tat-telephone tieghu. Meta kien staqsieh din il-camera kienetx misruqa qallu li le.**

L-Espert nominat mill-Qorti, Horace J. Anastasi , fir-relazzjoni tieghu (Dok. HA fols.60 sa 66) qal li din il-camera la ghandha batterija w lanqas *Compact Flash Card* u ghata. Qal li dal-mudell li hareg f' Jannar, 2002 huwa estint. Din kienet tqum xi LM601 *retail* waqt li *wholesale* kienet LM481 u fil-prezent (i.e. f' Dicembru, 2003) kienet tiswa madwar LM80.

Ikkonsidrat;

L-Ewwel Qorti kkonkludiet li jirrizultaw ampjament l-elementi tal-provenjenza llecita tal-camera li kienet gejja minn serq kif ukoll li l-appellat kien akkwista l-istess camera. Izda l-Ewwel Qorti rriteniet li ma gietx pruvata x-xjenza tar-ricettatur li l-camera kellha provenjenza llegittima. Qalet li l-unika cirkostanza li minnha wiehed seta' jinferixxi din ix-xjenza kien il-prezz baxx li hallas l-appellat biex akkwista l-camera. Pero' qalet li meta wiehed iqis li l-camera giet estinta tlitt snin wara w li kienet bla batterija w *compact flash card*, il-Qorti tatu l-beneficcju tad-dubju.

Ikkonsidrat;

Illi hu minnu li, kif gustament jirrileva l-Avukat Generali apparti l-kwistjoni tal-prezz esageratament baxx tal-akkwist, kien hemm il-fattur li l-appellat, minkejja li ta hafna dettalji tal-persuna li bieghlu l-camera, baqa' jsostni li ma kienx jaf x' jismu. Meta kien jaf dawn id-dettalji kollha tieghu w kien jaf fejn ipoggi, suppost li ma kienx difficli ghalih li jirrintraccjah biex ikun f' pozizzjoni li jikkorobora l-versjoni tieghu moghtija lill-Pulizija. Il-Qorti ssiba ukoll ferm stramb li wara li l-Pulizija elevat il-camera, **meta hu kien ghadu hallas biss LM10 u cioe' 1/60 tal-prezz reali tal-camera, xorta wahda hass li ghandu jhallas il-kumplament tal-prezz u cioe' LM60 ohra u dan lil persuna gharbija ohra mhux identifikata.**

Din il-versjoni ftit ghandha mis-sewwa w hija ghal kollox improbabbli ghaliex hadd mhu ser joqghod ihallas lil terz il-bilanc tal-prezz ta' oggett mixtri li jkun gja gie elevat mill-Pulizija ghax suspettat li hu misruq. Terga anki din it-terza persuna Gharbija ma gietx identifikata mill-appellat u lanqas ma giet prodotta bhala xhud in difeza biex tikkorrobora l-versjoni tieghu li kien staqsiha jekk il-camera kienetx misruqa u dan wiegeb li le. U jekk l-appellat ma kellux raguni ghala kellu jissuspetta li l-provenjenza tal-camera kienet illecita, ghaliex proprju staqsa jekk kienetx misruqa. Del resto x' jiswa' li terz mhux identifikat jghid lil appellat li l-oggett ma kienx misruq. Kif suppost kien jaf dan ? Gie injorat ukoll il-fatt li l-Libjan li suppost biegh il-camera lill-appellat bl-ebda mod ma rrizulta li kien jinnegozja regolament fil-cameras. U x' sens jaghmel li isir biegh ma persuna li ma tafx x' jisimha w thallas biss 1/60 tal-prezz, meta ma giex miftiehem meta ser jithallas il-bilanc u fejn u lil min ser jithallas, ladarba li l-appellat ma kienx jaf l-gharbi x' kien jismu?

Insomma il-versjoni tal-appellat, priva minn kull forma ta' korroborazzjoni w konsistenti fi storja ghal kollox implawsibbli, ma setghet qatt tannjenta l-forza tac-cirkostanzi ndizjarji li kollha jippuntaw lejn direzzjoni wahda w cioe' li l-appellat kien jaf jew suppost kien jaf bl-uzu tal-buon sens li l-provenjenza tal-camera kienet wahda llecita.

Issa ukoll il-fatt li l-camera giet *"estinta"* tlitt snin wara kif qal l-espert ma jfissirx li meta sar ir-reat **tlitt snin qabel** kienet ukoll estinta. B' *estinta* wiehed jifhem li it-teknika taghha tkun giet sorpassata bi zviluppi teknologici godda. Imma b' daqshekk ma jfissirx li haga titlef il-valur kollu jew parti kbira minnu fiz-zmien meta kienet ghadha mhux estinta. Dan ifisser li meta l-appellat akkwista l-camera w allura kienet ghadha ma gietx estinta, l-prezz tal-akkwist kien manifestament baxx u, jekk wiehed iqis l-ispeci ta' pagament inizjali li suppost kien ghamel l-appellat u cioe' dak ta' Lm10, dan kien hlas irrizorju.

Ghalhekk f' dan il-kaz l-Ewwel Qorti ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha w takkorda d-dubju favur l-appellat ghax ma kellux ikun hemm dubju dwar ix-xjenza tal-appellat fic-cirkostanzi li rrizultaw u li ma gewx spjegati minnu b' mod plawsibbli, probabbli jew minimament kredibbli.

Ghalhekk din il-Qorti qed tirrevoka d-decizjoni tal-Ewwel Qorti w issib lill-appellat hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu.

Dwar il-piena, mill-fedina penali aggornata tal-appellat jirrizulta li din mhux l-ewwel darba li kiser difrejh mall-ligi w hu nstab hati mill-Qrati mill-inqas seba darbiet, darba ta' serq aggravat , hsara volontarja w ricetazzjoni, diversi drabi ta' sewqan bla licenzja w ta' operazzjoni ta' xoghol ta' *sprayer* bla licenzja. Darba ohra kien instab hati li kien fil-pussess ta' munizzjon u balal minghajr licenzja w darba ohra ta' pussess ta' arma tan-nar u munizzjoni bla licenzja.

Illi meta d-derubat Joseph Pavia fis-seduta mizmuma mill-Imhallef Supplenti fit-3 t' Ottubru, 2003 (fols. 52 u 56) talab li jirtira l-camera in kwistjoni, d-difensur tal-appellat opponiet li l-camera tigi rilaxxjata qabel jispicca dan il-kaz, bir-rizultat li l-camera baqghet esebita fil-Qorti w baqghet per konsegwenza tiddeprezza b' telf ghall-istess derubat.

Illi skond l-artikolu 334 (a) tal-kodici Kriminali l-piena ghal ricettazzjoni ta' oggett li jkun gej minn serq hija dik tar-reat

ta’ serq, skond il-valur tal-haga . Skond l-artikolu 279 tal-Kap.9 umbaghad il-piena ghall- serq ikkwalifikat bil-valur biss, jekk il-valur tal-haga misruqa ma jkunx izjed minn elf lira, tkun dik ta’ prigunerija ghal zmien minn hames xhur sa tlitt snin.

Illi pero’, wara li kkonsidrat ic-cirkostanzi kollha, din il-Qorti thoss li jkun ahjar ghad-derubat li jkun hemm sentenza ta’ prigunerija sospiza bil-kondizzjoni li l-appellat jaghmel tajjeb ghall-hsara sofferta mid-derubat billi fl-ewwel lok jigi obbligat li jirrestitwixxi l-camera li hu xjentement laqa’ ghandu b’ ricettazzjoni kif ukoll li jhallas lid-derubat ammont ta’ flus bhala kumpens ghat-telf li ghamel l-istess Joseph Pavia permezz tar-reat u dana skond l-istima tal-espert Horace J. Anastasi ta’ kemm kienet tqum il-camera tar-ritratti fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reat ta’ ricettazzjoni, i.e. LM600, nieqes il-valur tal-camera illum skond l-istess espert, i.e. Lm80, kif tista’ taghmel jekk tapplika d-dispozizzjoni tal-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell tal-Avukat Generali w tirrevoka s-sentenza appellata w minnflok issib lill-appellat hati tal-akkuza ta’ ricettazzjoni dedotta kontra tieghu w, wara li rat l-artikoli 334(a), 279(a), 28A, 28H u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-appellat ghal piena ta’ sena prigunerija, b’ dana pero’ li s-sentenza m’ ghandhiex tibda’ ssehh hlief jekk, matul il-periodu ta’ erba’ (4) snin mill-lum, l-appellat jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija a tenur tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, kif ukoll, li a tenur tal-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali, qed taghti direttiva w tordna lill-appellat li jirrestitwixxi lil-Joseph Pavia l-camera esebita, (dokument NH5), billi jaghti seduta stante l-kunsens tieghu ghar-rilaxx tal-istess camera favur l-istess Joseph Pavis, kif ukoll billi jhallas lil Joseph Pavia s-somma ta’ hames mija w ghoxrin lira Maltin (LM520) fi zmien tlitt (3) xhur mil-lum bhala kumpens ghall-kull telf li hu sofra minnhabba l-d-delitt kommess mill-appellat w dana bla pregudizzju ghad-drittijiet ta’ kull wahda mill-partijiet li johorgu mill-likwidazzjoni finali ta’ kull ammont dovut , jekk ikun il-kaz, kif jista’ jigi eventwalment miftiehem jew deciz f’ kawza

civili jew b' kull mod iehor permess mill-ligi, u fin-nuqqas li ssir din ir-restituzzjoni w dan il-hlas fiz-zmienijiet fuq imsemmija, din il-Qorti tirrizerva li, wara li jsiru l-proceduri stabiliti fis-subartikoli (4) (5) u (6) tal-istess artikolu 28H, tordna li s-sentenza sospiza ghandha tibda' sehh. Tordna ukoll lill-appellat li jhallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta' mija w tmintax il-lira Maltin u tlieta w tletin centezmu (LM118.33c) import tal-ispejjez tal-perizja f' din il-kawza a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

**Il-Qorti, a tenur tal-artikoli 28A (4) u 28H (7), qed tispjega lill-appellat bi kliem car ir-responsabbilta' tieghu taht dawn l-artikoli jekk hu jikkommetti matul il-periodu ta' erba snin reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija w/jew jekk jonqos li jikkonforma ruhu ma din id-direttiva tar-restituzzjoni tal-camera llum seduta stante w l-hlas tas-somma ta' hames mija w ghoxrin lira Maltin (LM520) fi zmien tlitt xhur mil-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------